MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 2058/2004

**B.A.S. Limited (C444)**

**vs**

**Jack Serra Limited (C10541)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Ottubru 2004 fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitjen u disgha u tmenin liri Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm 289.97) rappresentanti prezz ta' servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta fuq ordnijiet taghha stess kond l-prospett anness bhala Dok A, bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali datata ta' Awissu 2004;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex s-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u

b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment s-socjeta konvenuta' naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u disgha u tmenin liri Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm 289.97) bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Awissu 2004 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------